# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Appell Nru: 509/2014

Seduta tas-6 t'Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Philip Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Philip Galea detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 564484M talli nhar l-14 ta' Settembru, 2014 ghall-habta tas-07:30hrs gewwa Ras Ir-Reheb, Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta: 1) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied; 2) ingurja, insulenta jew hedded bi kliem lil Calcedonio Vella; 3) hebb ghal Calcedonio Vella u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. S. Sofia MD Reg. No. 3499 mill-Poliklinika tal-Furjana; u 4) volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u

cioe′ nuccali tax-xemx ta′ valur ta′ anqas minn 250 Ewro ghad-dannu ta′ Calcedonio Vella;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f′kaz ta′ htija tapplika art. 383 u art. 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ghall-harsien ta′ Philip Galea u ghaz-zamma tal-ordni u paci pubblika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Novembru, 2014, li biha wara li rat l-artikoli 221(1), 325, 338 (dd), 339(1)(e), tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti sabet lill-imputat Philip Galea hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u kkunannatu multa ta′ sebghin ewro (€70), filwaqt illi ma sabitux hati tar-raba′ (4) imputazzjoni u lliberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appell ta′ Philip Galea, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-5 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talab li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn il-Qorti sabet l-imputat mhux hati u thassarha w tirrevokha fejn il-Qorti sabitu hati tal-imputazzjonijiet kif indikati fis-sentenza u minnhom tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f′kaz li dan l-appell ma jintlaqax, din il-Qorti tigi mitluba tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-process.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wiehed dwar apprezzamet hazin tal-fatti mill-ewwel Qorti u ghal dan iressaq diversi ragunijiet. Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid hlief ghal dik tal-kwerelant stante li miet fil-mori tal-appell;

2. PS 163 Robert Azzopardi xehed permezz ta' affidavit illi l-appellant kien cempel l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat u rraporta li waqt li kien qieghed ghall-kacca fl-ghalqa tieghu ra persuna tigri b'kelb fl-istess ghalqa u avvicinah biex jghidlu li dik kienet proprjeta' privata. L-parti l-ohra, allura Calcedonio Vella irribbatta li dik kienet proprjeta' tal-Gvern u beda jidghi. Vella rega rritorna u meta allura rega avvicinah l-appellant Vella beda joffendieh u prova ihebb ghalih b'siggu. Aktar tard irrizulta mill-provi li dan is-siggu kien f'idejn sajjied terz li habat kien fuq il-post dak il-hin. Mitkellem mis-Surgent, Vella kien ikkonferma li l-appellant kien avvicinah b'senter f'idu u infurmah li l-proprjeta' kienet privata. Mar-ritorn tieghu waqaf ikellem zewt ihbieb tieghu, xhieda f'dawn il-proceduri, u f'daqqa wahda gie l-appellant u qabad u tah daqqa ta' ponn f'wiccu u tajjarlu n-nuccali li kien jiswa mija u sebghin lira sterlina u li ma setghax isibu wara l-incident. Wara li qala' d-daqqa ta' ponn prova jiehu il-banketta tal-habib tieghu biex jiddefendi ruhu izda t-tnejn kienu kkalmati minn dawn iz-zewg terzi;

3. Quddiem l-ewwel Qorti, l-kwerelant kien esebixxa certifikat mediku bis-segwenti griehi: *Tenderness right side of face; Slight redness on right side of face (preauricular area). No other complaints at present.* Liema griehi kienu certifikata bhala hfief. Gaetano Micallef, allura habib tal-

kwerelant, li kien fuq il-post flimkien ma' Antonio Zahra, xehed illi l-istess kwerelant kien qieghed fl-ghaqa bil-kelb minn fejn kienu ghaddejjin u gie fuqhom l-appellant li kellu senter f'idejh u wissa lill-kwerelant li ma kienx ser jghidlu darbohra biex ma jirfisx hemm, izda l-kwerelant wiegbu li dik l-area kienet wahda pubblika u li kien ser jghaddi kemm irid u kemm joghgbu u f'dak il-hin ittenta jehodlu l-banketta izda ma halliehx. Hadd ma gie fl-idejn izda t-tnejn bdew jitlewmu bid-diskors u l-appellant cempel lill-Pulizija. X'hin Vella wera li ried ihebb ghall-appellant u telaq il-kelb, l-appellant jidher li gholla idejh u laqtu f'wiccu u jinsisti li ma kienitx daqqa ta' harta izda biss laqtu meta qallu darbtejn biex jersaq 'l hinn. Dan ix-xhud jishaq li kien Vella li ghamel ghall-appellant li da parti tieghu kien ragel meta nehha s-senter minn idejh. Joseph Gregory ikkonferma li sema ghajjat u kliem hazin izda li zgur ma kienx l-appellant;

4. L-appellant xehed illi meta ra lill-Vella fl-ghalqa tieghu li kienet mizrugha bis-silla staqsieh jekk kellux bzonn xi haga bl-istess mod kif iddeskriva l-incident fl-affidavit tieghu. Zied jghid illi xi ghaxar minuti wara rega ra lill-Vella flimkien ma' zewg anzjani f' nofs is-silla. Ghalhekk rega avvicinhom bil-kelma t-tajba, skarga s-senter u tefghu fil-pouch u talabhom iwarrbu, skuzaw ruhhom u warbu izda Vella qabad jghajjat u jidghi, hebb ghalih u prova jiehu l-banketta tal-anzjan biex isawtu biha u meta ma rnexxielux, prova jaqbad gebla u l-appellant qabad u cempel minnufih lill-Pulizja. Huwa jichad li qatt refa' idejh minkejja li Vella imbuttah diversi drabi;

5. Ikkunsidrat inoltre illi, kif gia rilevat, Calcidon Vella ghadda ghal hajja ohra fil-mori ta' dan l-appell u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tisimghu izda l-verzjoni tieghu kienet debitament riprodotta mis-Surgent li xehed quddiem din il-Qorti;

6. Huwa l-kompitu ta' din il-Qorti bhala wahda ta' revizzjoni, mhux li tiddeciedi l-kaz mill-gdid izda li tgharbel il-provi u l-argumenti tal-

partijiet biex tara li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzjoni li waslet ghaliha, hlief naturalment f'kaz fejn is-sentenza appellata tkun dikjarata nulla. Issa, quddiem l-ewwel Qorti irrizulta konflitt fil-provi u l-istess Qorti kellha d-diskrezzjoni temmen dik il-verzjoni li jidrilha l-aktar veritiera. Madanakollu, il-verzjoni tal-habib tal-kwerelant, xhud indipendenti, flimkien mal-fatt illi ma rrizultax li l-kwerelant kellu nuccali f'wiccu wisq anqas li jiswa' dak l-ammont ta' flus, kienu cirkostanzi impellenti li jidher li sfuggew lill-ewwel Qorti bhala indikazzjoni cara li l-kwerelant ma kienx qed jghid il-verita' u li l-verzjoni tal-appellant kellha mis-sewwa;

7. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Konsegwentement l-appell qed ikun milqugh u s-sentenza appellata qed tkun riformata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tar-raba imputazzjoni u lliberatu minnha u thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €70 u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.